TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Daniel Pace

vs

TGFM Investments Limited Malta - DIY.com

CCT 156/21/MS

6 ta' April 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-20 ta' Settembru 2021, fejn talab ir-rifuzjoni ta' erbghin Euro, prezz ta' konsenja ta' bieb li gie installat ghand ir-rikorrent, liema bieb ma kienx tal-kwalita pattwita.

Ra illi s-socjeta' intimata debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh, m'ghamlitx risposta u lanqas dehret quddiem dan it-Tribunal meta hekk imsejha.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda tar-rikorrent bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi irrizulta mill-provi illi r-rikorrent kien thajjar jixtri bieb tal-hgieg li ma jghaddix dawl minnu (*opaque glass sliding door*) mis-socjeta' intimata li kien reklamat fuq il-*website* taghhom. Meta rcevih induna li seta' jara minnu u li ma kienx dak tar-riklam, u peress illi dan il-bieb xtaqu ghal kamra tal-banju ma kienx tajjeb ghall-uzu li ghalih kien intenzjonat. Ikkuntattja s-socjeta' intimata dak il-hin stess (meta l-bieb kien ghadu mhux installat) u ghall-ewwel irrifjutaw li jiehdu l-bieb lura, pero' fl-ahhar accettaw li jirrifondulu l-prezz tal-bieb. Pero' ma accettawx illi jaghtuh lura l-ispejjes tal-konsenja (*delivery charges)*.

Ir-rikorrent jargumenta illi peress illi dan il-prodott ma giex reklamat korrettement, ma kellux ibaghti l-ispejjes tal-konsenja ghaliex il-prodott ma kienx dak pattwit, u dak li xtaq hu.

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza r-rikorrent qed jitlob is-somma ta' erbghin Euro, spejjes in konnessjoni ma' konsenja ta' bieb mixtri minghand is-socjeta' intimata, liema bieb ma kienx tal-kwalita' pattwita.

Illi meta l-obbligazzjoni originali tkun hassret jew giet annullata, dak kollu li jirrizulta bhala konsegwenza ta' dik l-obbligazzjoni huwa null ukoll u ghandu jithassar. Quod nullum est, nullum producit effectum.

Fin-nuqqas ta' xhieda jew risposta min-naha tas-socjeta' intimata, li b'xi mod tikkontrasta dak li qed jghid ir-rikorrent, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ghandu ragun u li t-talba tieghu ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallsu s-somma ta' erbghin Euro. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri
Arbitru